



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2013
COM(2013) 751 final

2013/0365 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju
mal-Artikolu 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Wara l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għall-Artikolu 290 TFUE għadd ta' atti legali li jipprovdu għall-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju (PRS) (COM(2013)451) u l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għall-Artikolu 290 TFUE għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprovdu għall-PRS (COM(2013)452), il-proposta preżenti tirrigwarda l-allinjament tal-bqija tal-atti bażiċi li jirreferu għall-PRS.

Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa l-istrumenti leġiżlattivi kollha li għadhom jirreferu għall-PRS sabiex tanalizza jekk il-miżuri tal-PRS jissodisfawx il-kriterji tat-TFUE. L-analiżi wriet li wħud mill-miżuri ma jaqgħux fil-kamp tal-applikazzjoni tal-Artikolu 290 tat-TFUE. F'każijiet fejn daww il-miżuri jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 291 tat-TFUE, huwa għalhekk propost li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti ta' implimentazzjoni. Fi ftit każijiet fejn is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mhumiex f'konformità mat-Trattat, huwa propost li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jitħassru.

2. METODU TAL-ADATTAMENT

L-approċċ segwit f'din il-proposta huwa simili għal dak li jsegwu l-proposti preċedenti (COM(2013)451 u COM(2013)452). Għalhekk, ir-regolament qafas preżenti jipprovdi li fejn atti legali elenkati fl-Anness I jipprovdu għall-użu tal-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jstabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni¹ ("id-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija"), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, filwaqt li għal atti legali li jstabbilixxu għall-użu tal-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Komitoloġija li huma elenkati fl-Anness II, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni.

F'każijiet fejn dispożizzjoni waħda jkun fiha lista ta' setgħat li, fid-dawl tal-kriterji tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE, huma ta' natura differenti (xi għoti tas-setgħat huma ta' natura delegattiva u xi wħud huma ta' natura implimentattiva), huwa propost li s-setgħa tkun maqsuma.

Fil-każ ta' miżuri elenkati fl-Anness I, il-proposta tadatta l-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni tal-Komitoloġija għall-proċedura ta' urġenza għall-atti ta' delega (Artikolu 3 tal-proposta).

Għall-miżuri elenkati fl-Anness II, il-proposta tadatta l-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni tal-Komitoloġija għall-proċedura ta' atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011² ("Regolament tal-Komitoloġija") (Artikolu 4(2) tal-proposta).

L-adattament għar-reġim tal-att ta' delega u r-reġim tal-att implimentattiv mhux se jaffettwa l-proċeduri pendenti li għalihom diġà nġhatat opinjoni minn kumitat skont id-Deċiżjoni tal-Komitoloġija.

L-atti bażiċi li huma adattati għar-reġim tal-atti ta' delega huma elenkati fl-Anness I tal-proposta. L-atti bażiċi li huma adattati għar-reġim tal-atti implimentattivi ta' delega huma elenkati fl-Anness I tal-proposta. L-Anness III fih emendi għall-atti bażiċi li d-

¹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

² Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

dispożizzjonijiet tiegħu huma mħassra. Il-listi huma organizzati skont l-oqsma ta' politika u l-ordni kronoloġika tal-adozzjoni tal-istrumenti.

3. IL-LISTA TA' ATTI BAŻIĊI SOĠĠETTI GĦAL REVIŻJONI SEPARATA

L-istrumenti elenkati hawn taħt li jirreferu għal PRS li għalihom hija prevista revizzjoni sostanzjali separata, mhumiex inklużi f'din il-proposta u lanqas fiż-żewġ proposti preċedenti ta' allineament. L-allinjament tagħhom se jkun parti minn dawk ir-reviżjonijiet previsti.

Unità	Strument
AGRI	Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill -tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89
ESTAT	Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istatistika tal-Komunità marbuta mal-kummerċ estern ma' pajjiżi mhux membri u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95
ESTAT	Regolament (KE) 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istatistika Komunitarja rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri u li jħassar Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91.
ESTAT	Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija
AFFARIJJIET INTERNI	Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi
MARKT	Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE
OLAF	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli
SANCO	Regolament (KE) NRU396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill -tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KE

SANCO

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/82/KE tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikolu 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43(2), 53(1), 62, 100(2), 114, 168(4)a, 168(4)b, 172, 192(1), 207, 214(3), 338(1), tiegħu

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-Trattat tal-Liżbona introduċa distinzjoni bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv (atti ta' delega), u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti implimentattivi).
- (2) Il-miżuri li jistgħu jkunu koperti minn delegi ta' setgħat, kif imsemmi fl-Artikolu 290(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkorrispondu fil-prinċipju ma' dawk koperti mill-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita mill-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/EC⁵.
- (3) Huwa neċessarju li għadd ta' atti diġà fis-seħħ li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju u li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 290(1) TFUE, jkunu adattati mal-Artikolu 290 tat-TFUE.
- (4) Meta l-Kummissjoni tipprepara atti ta' delega abbażi tal-atti ta' delega adattati minn dan ir-regolament, huwa ta' importanza partikolari li twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tipprepara u tfassal atti ta' delega, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (5) Huwa neċessarju li għadd ta' atti diġà fis-seħħ li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju u li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 291(2) TFUE, jkunu adattati mal-Artikolu 291 tat-TFUE.

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni, ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

- (6) Meta jingħataw setgħat implimentattivi lill-Kummissjoni, dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.⁶
- (7) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-iżbona, huwa wkoll meħtieġ li jiġu emendati għadd ta' atti legali diġà fis-seħħ li jipprovdu għall-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju billi jitħassru ċerti miżuri koperti minn dik il-proċedura.
- (8) Dan ir-regolament ma għandux jaffettwa l-proċeduri pendenti li fuqhom il-kumitat diġà ta l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.
- (9) Ladarba l-adattamenti u l-emendi li għandhom isiru b'dan ir-regolament jikkonċernaw biss proċeduri, fil-każ tad-direttivi, huma ma għandhomx għalfejn ikunu trasposti mill-Istati Membri.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Fejn dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness I ta' dan ir-regolament jipprovdu għall-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 5a minn (1) sa (5) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament.

2. Fejn dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness I ma' dan ir-regolament jipprovdu għall-użu tal-proċedura ta' urġenza msemija fl-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont il-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament.

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati bil-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti ta' delega tkun konferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

3. Id-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka twassal għat-tmiem tad-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. It-tali deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data sussegwenti li tkun speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att ta' delega jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jesprimu oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jkun estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

⁶ Regolament (UE) Nru 182/2011 tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ĠU L 55, 28.02.2011, p. 13.

6. Fejn dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness I ma' dan ir-regolament jipprevedu li l-iskadenza stipulata fl-Artikolu 5a(3)(c) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE hija mnaqqsa skont l-Artikolu 5a(5)(b) ta' dik id-Deċiżjoni, il-perjodi stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu jkunu stabbiliti għal xahar.

Artikolu 3

1. L-atti ta' delega adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien, u għandhom japplikaw sakemm ma titqajjimx oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att ta' delega lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet li għalihom tkun saret il-proċedura ta' urġenza.

2. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att ta' delega b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 2(5). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 4

1. Fejn dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness II għall-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5a minn (1) sa (5) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness II għall-użu tal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 8 flimkien mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 5

Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE, Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 huma emendati kif stipulat fl-Anness III għal dan ir-regolament.

Artikolu 6

Dan ir-regolament ma jinċidix il-proċeduri pendenti li fuqhom kumitat ikun diġà ta l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Artikolu 7

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

Dispożizzjonijiet ta' atti legali li jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE li huma adatti għar-reġim tal-atti ta' delega⁷.

A. NETWERKS TA' KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

1. Regolament (KE) Nru 733/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' April 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-Qasam tal-Ogħla Livell EU.
Artikolu 3(1)a**
Artikolu 5(1)
Artikolu 5(2)
2. Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali)
Artikolu 35
3. Id-Direttiva Nru 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru)
Artikolu 13 a(4)

B. AZZJONI KLIMATIKA

4. Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020.
Artikolu 3(6)
Artikolu 11(3)
5. Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE
Article 3d(3)
(Artikolu 3f(9)).
Artikolu 10(4)
Artikolu 10 a(1)
Artikolu 10 a(7)
Artikolu 10 a(8)

⁷ Għal raġunijiet ta' informazzjoni, dispożizzjonijiet li jirreferu għall-iskadenza mnaqqa skont l-Artikolu 2(6) huma indikati f'dan l-Anness bi *, dispożizzjonijiet li jirreferu għall-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 3 huma indikati f'dan l-Anness bi ** u dispożizzjonijiet li jirreferu għall-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 3 u għall-iskadenza mnaqqa skont l-Artikolu 2(6) huma indikati f'dan l-Anness bi ***.

Artikolu 10 a(13)
Artikolu 11 a(9)
Artikolu 11b(7)
Artikolu 14(1)
Artikolu 15 il-ħames paragrafu
Artikolu 19(3)
Artikolu 22
Artikolu 24(1)(b)
Artikolu 24(3)
Artikolu 24 a(1)
Artikolu 24 a(2)
Artikolu 25(2)
Artikolu 25 a(1)
Anness IV, parti A

C. ENERĠJA

6. Id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u tal-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali (tfassil mill-ġdid)
Artikolu 6

E. INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

7. Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi
Artikolu 5(3)
Artikolu 8
Artikolu 14(2)
Artikolu 14(3)
8. Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (tfassil mill-ġdid)
Artikolu 8(1)a

E. AMBJENT

9. Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE;
Artikolu 6(7)

Artikolu 8(2)

Artikolu 15

10. Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali [ta' mmaniġġjar u awditjar ekoloġiċi] (EMAS), li jħassar Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE

Artikolu 17(3)

Artikolu 48(2)

F. STATISTIKA

11. Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tlett xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità.

Artikolu 2(1)

Artikolu 3(1)

Artikolu 7(1)

Artikolu 7(3)

12. Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jstabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet ta' l-istatistika u li jħassar Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93

Artikolu 3(6)

Artikolu 5(2)

Artikolu 6(3) dwar l-adozzjoni ta' "miżuri relatati mal-istandards komuni ta' kwalità" flimkien mal-Artikolu 15(1)(c) dwar l-adozzjoni ta' "standards komuni ta' kwalità"

Artikolu 8(3)

Artikolu 15(1)

13. Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatistika tal-Komunità dwar l-istruttura u l-attività tal-affiljati barranin

Artikolu 5(4)

Artikolu 6(3) dwar l-adozzjoni ta' "standards komuni ta' kwalità" flimkien mal-Artikolu 9(2)(a)

Artikolu 9(2)(b)

Artikolu 9 (2) (c) għal dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' "standards ta' kwalità komuni xierqa"

14. Regolament (KE) Nru 1445/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi regoli komuni għall-provvista ta' informazzjoni bażika dwar il-Paritajiet tas-Setgħa tal-Infiq u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom

Artikolu 7(4) dwar l-adozzjoni ta' "kriterji komuni tal-kontroll tal-kwalità" flimkien mal-Artikolu 12(3)(c) dwar id-definizzjoni ta' "kriterji ta' kwalità"

- Artikolu 12(3)
15. Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi
- Artikolu 5(2)
- Artikolu 7(3)
- Artikolu 8(2)
- Artikolu 9(4) dwar l-adozzjoni ta' "rekwiżiti ta' kwalità u kull miżura meħtieġa biex tkun evalwata jew imtejba l-kwalità"
- Artikolu 10(2)
- Artikolu 13
16. Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani
- Artikolu 4(3) għal dak li jirrigwarda l-adozzjoni ta' "standards ta' kwalità komuni"
- Artikolu 10
17. Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jikkonċerna l-istatistiċi tal-Komunità dwar l-introjt u l-kondizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC)
- Artikolu 6(2)
- Artikolu 15(5) flimkien mal-Artikolu 15(2)(a) dwar "id-definizzjoni tal-lista ta' varjabbli ta' mira primarja li għandha tiġi inkluża f'kull qasam tal-komponent traversali u l-lista tal-varjabbli ta' mira inklużi fil-komponent lonġitudinali, inkluż l-ispeċifikazzjoni tal-kodiċijiet varjabbli"
- Artikolu 15(5) flimkien mal-Artikolu 15(2)(c);
- Artikolu 15(5) flimkien mal-Artikolu 15(2)(e);
- Artikolu 15(5) flimkien mal-Artikolu 15(2)(f);
18. Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-parlament ewropew u tal-kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol
- Artikolu 2(4)
- Artikolu 3(2)
- Artikolu 4(1)
- Artikolu 4(2)
- Artikolu 8(1)
- Artikolu 11(a)
- Artikolu 11 (b)
- Artikolu 11(d)
- Artikolu 11(e)
- Artikolu 11 (f) dwar l-adozzjoni tal-"kriterji separati ta' kwalità għal dejta attwali jew b'lura trazzmessa"

- Artikolu 11(i)
Anness punt 3
19. Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, l-merkanzija u l-posta bl-ajru
Artikolu 5
Artikolu 7(2)
Artikolu 10(2)
20. Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart
Artikolu 1(5)
Artikolu 3(1)
Artikolu 4(3)
Artikolu 5(4)
Artikolu 6(2)(a)
Artikolu 6(2)(b)
Artikolu 6 (2) (c) għal dak li jirrigwarda "definizzjoni ta' kriterji evalwazzjoniji ta' kwalità xierqa"
Artikolu 6(2)(d)
Artikolu 8(3)
L-Anness I, it-Taqsima 7, il-punt 1:
L-Anness I, it-Taqsima 7, il-punt 1:

G. SUQ INTERN U SERVIZZI

21. Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-supervizzjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE
Artikolu 14(1)
22. Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE
Artikolu 68 (1)***
Artikolu 69 (2)***

H. MOBBILTÀ U TRASPORT

23. Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri

- Artikolu 13
Artikolu 14(1)
Artikolu 14(2)
24. Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri
Artikolu 10(3)
25. Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet
Artikolu 10 (2)**
26. Id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija
Artikolu 15
27. Id-Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE tal-11 ta' Diċembru 1997 li tistabilixxi reġim armonizzat ta' sigurtà għall-bastimenti tas-sajd ta' tul ta' 24 metru jew aktar
Artikolu 8(b)

I. SAĦĦA U KONSUMATURI

28. Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi.
Artikolu 2 (3)
Artikolu 13 (8)
Artikolu 14 (2)
Artikolu 15 (1)
Article 15 (2)**
Artikolu 16 (8)
Artikolu 16 (9)**
Artikolu 20 (2)
Artikolu 31(1) **
Artikolu 31 (2)
Artikolu 31 (3)
29. Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u r-revoka tad-Direttiva tal-Kunsill 79/117/EEC and 91/414/EEC
Artikolu 8(4) l-aħħar sentenza flimkien mal-Artikolu 78(1)(b)
Artikolu 25(3) flimkien mal-Artikolu 78(1)(e)
Artikolu 26 flimkien mal-Artikolu 78(1)(f)
Artikolu 27(2) flimkien mal-Artikolu 78(1)(h)

Artikolu 29(6) l-ewwel subparagrafu flimkien mal-Artikolu 78(1)(c)

Artikolu 30(3) flimkien mal-Artikolu 78(1)(i)

Artikolu 52(4) l-aħħar subparagrafu flimkien mal-Artikolu 78(1)(j)

Artikolu 54(5) flimkien mal-Artikolu 78(1)(k)

Artikolu 58(2) flimkien mal-Artikolu 78(1)(l)

Artikolu 65(1) flimkien mal-Artikolu 78(1)(m)

Artikolu 68 it-tielet subparagrafu flimkien mal-Artikolu 78(1)(n)

Artikolu 78(1)(a)

Anness II, punt 3.6.5

30. Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jstabilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-regolament (KE) Nru 1774/2002

Artikolu 5 (1)**

Artikolu 5 (2)*

Artikolu 6(1)

Artikolu 6 (2)*

Artikolu 7(4)

Artikolu 11(2)

Artikolu 15(1)

Artikolu 17(2)

Artikolu 18(3)

Artikolu 19(4)

Artikolu 20(11)

Artikolu 21(6)

Artikolu 27

Artikolu 31(2)

Artikolu 32(3)

Artikolu 40 (a)

Artikolu 40 (b)

Artikolu 40 f)

Artikolu 42(2) (a)

Artikolu 42(2)(b)

Artikolu 42(2) (c)

Artikolu 43(3)

Artikolu 48(7) (a)

Artikolu 48(7)(b)

Artikolu 48 (7) (d)

Artikolu 48(8)

31. Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE

Artikolu 6 (2)**

Artikolu 17(4)

Artikolu 20(2)

Artikolu 27(1)

Artikolu 32(4)

32. Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

L-Artikoli 13(2)

Artikolu 19(3)

Artikolu 24(4)

33. Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE

Artikolu 8 (2)**

Artikolu 22**

Artikolu 25(3)

34. Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel

Artikolu 9(2)

Artikolu 24 (3)*

Artikolu 30 (1)*

Artikolu 30 (2)*

Artikolu 30 (3)*

Artikolu 30(5)

Artikolu 31*

35. Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enzimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97
Artikolu 17(5)
36. Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel
Artikolu 7(4)
Artikolu 7 (5)*
Artikolu 7(6) **
37. Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel
Artikolu 3 (3)**
Artikolu 4 it-tieni sub-paragrafu
Artikolu 5(1)
Artikolu 6(6)
Artikolu 7(1)
Artikolu 8(2)
Artikolu 8 (5)**
38. Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel
Artikolu 1(2)
Artikolu 1(4)
Artikolu 3(d)
Artikolu 4(1) l-ewwel subparagrafu
Artikolu 4(1) is-sitt subparagrafu
Artikolu 4(5)
Artikolu 8(2)
Artikolu 28(4)(b)
39. Id-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sigurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċellooli tal-bniedem
Artikolu 8(5)
Artikolu 28**
40. Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament

- Artikolu 12(4)
- Artikolu 14(1) it-tielet inċiż
- Artikolu 24(4)
- Artikolu 32 is-sitt subparagrafu
- Artikolu 47(3)
41. Id-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi livelli stabbiliti ta' kwalità u sigurtà għall-ġbir, l-ittestjar, l-iproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' demm tal-bniedem u komponenti tad-demm u li temenda d-Direttiva 2001/83/KE
- Artikolu 29 l-ewwel sub-paragrafu**
- Artikolu (29), it-tieni subparagrafu (a)
- Artikolu 29 it-tieni subparagrafu (b)**
- Artikolu 29 it-tieni subparagrafu (c)**
- Artikolu 29 it-tieni subparagrafu (d)**
- Artikolu 29 it-tieni subparagrafu (e)**
- Artikolu 29 it-tieni subparagrafu (f)**
- Artikolu 29 it-tieni subparagrafu (g)**
- Artikolu 29 it-tieni subparagrafu (h)
42. Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel
- Artikolu 4(2)
- Artikolu 4 (5)**
- Artikolu 5(4) dwar l-adozzjoni ta' "ammonti minimi ta' vitamini u minerali"
43. Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali
- Artikolu 7 (2)**
- Artikolu 8 (1)**
- Artikolu 8(2) it-tieni inċiż

ANNEX II

Dispożizzjonijiet ta' atti legali li jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE li huma adattati għar-reġim tal-atti implimentattivi⁸.

A. NETWORKS TA' KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

1. Deċiżjoni Nru 626/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2008 dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS)

⁸ Għal finijiet ta' informazzjoni, dispożizzjonijiet li jirreferu għall-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 huma indikati f'dan l-Anness b'**

Artikolu 9 (3)*

2. Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali)

Artikolu 26(7)

Artikolu 27 a(5)

3. Id-Direttiva Nru 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru)

Artikolu 9b(3)

Artikolu 10(4)

Artikolu 15(4)

Artikolu 17(6)a

Artikolu 19(4)

B. AZZJONI KLIMATIKA

4. Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 rigward l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emmissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett serra biex jissodisfaw l-impenji Komunitarji tat-tnaqqis tal-emmissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra sal-2020

Artikolu 3(2)

5. Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE

Artikolu 11 a(8)

Artikolu 16(12)

C. INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA

6. Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (tfassil mill-ġdid)

Artikolu 8(1) flimkien mal-Artikolu 9(3)

D. AMBJENT

7. Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali [ta' mmaniġġjar u awditjar ekoloġiċi] (EMAS), li jħassar Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE

Artikolu 46(6)

E. STATISTIKA

8. Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tlett xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità.
Artikolu 5(1)
9. Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet ta' l-istatistika u li jħassar Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93
Artikolu 6 (3) dwar l-adozzjoni tal-"kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti tal-kwalità" flimkien mal-Artikolu 15 (1)(c) dwar l-adozzjoni tal-"kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti tal-kwalità"
10. Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatistika tal-Komunità dwar l-istruttura u l-attività tal-affiljati barranin
Artikolu 6(3) dwar l-adozzjoni tal-"kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti tal-kwalità" flimkien mal-Artikolu 9 (2)(c) dwar id-definizzjoni tal-"kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti tal-kwalità"
11. Regolament (KE) Nru 1445/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi regoli komuni għall-provvista ta' informazzjoni bażika dwar il-Paritajiet tas-Setgħa tal-Infiq u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom
Artikolu 7(4) dwar l-adozzjoni ta' "l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità" flimkien mal-Artikolu 12 (3) (c) dwar id-definizzjoni ta' "l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità"
12. Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi
Artikolu 9(4) għal dak li jirrigwarda l-adozzjoni ta' "l-istruttura tar-rapporti ta' kwalità"
13. Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f' servizzi u investiment dirett barrani
Artikolu 4(3) għal dak li jirrigwarda l-adozzjoni tal-"kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti tal-kwalità"
14. Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jikkonċerna l-istatistiċi tal-Komunità dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC)
Artikolu 8(3)
Artikolu 15(5) flimkien mal-Artikolu 15(2)(a) dwar id-definizzjoni tal-"format tekniku għat-trażmissjoni lill-Eurostat",
Artikolu 15(5) flimkien mal-Artikolu 15(2)(b)
Artikolu 15(5) flimkien mal-Artikolu 15(2)(d)
15. Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-parlament ewropew u tal-kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol

Artikolu 8(2) flimkien mal-Artikolu 11(f) dwar l-adozzjoni tal-"kontenut tar-rapporti tal-kwalità"

16. Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart

Artikolu 6(2) għal dak li jirrigwarda l-adozzjoni tal-"kontenut tar-rapporti ta' kwalità"

F. SUQ INTERN U SERVIZZI

17. Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE

Artikolu 14(2)

G. MOBBILTÀ U TRASPORT

18. Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet

Artikolu 10 (3)**

19. Id-Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE tal-11 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi reġim armonizzat ta' sigurtà għall-bastimenti tas-sajd ta' tul ta' 24 metru jew aktar

Artikolu 8(a) L-ewwel inċiż

H. SAĦĦA U KONSUMATURI

20. Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi.

Artikolu 18(2)

21. Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u r-revoka tad-Direttiva tal-Kunsill 79/117/EEC and 91/414/EEC

Artikolu 17 it-tieni subparagrafu flimkien mal-Artikolu 78(1)(d)

Artikolu 29(4) flimkien mal-Artikolu 78(1)(g)

22. Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-animali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar Regolament (KE) Nru 1774/2002

Artikolu 40(c)

Artikolu 40(d)

Artikolu 40(e)

Artikolu 41(1)

Artikolu 41(3)

Artikolu 42 (2) (d)

- Artikolu 45(4)
- Artikolu 48(7) (c)
23. Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 talulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE
- Artikolu 7(2)
- Artikolu 10 (5)*
- Artikolu 26(3)
24. Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment talimiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
- Artikolu 18**
25. Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel
- Artikolu 6(1)
- Artikolu 6(2)
26. Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel
- Artikolu 13(3)
- Artikolu 13(4)
- Artikolu 17(3) l-ewwel subparagrafu
- Artikolu 17(3), it-tieni subparagrafu, punt (b)
- Artikolu 18(5) l-ewwel subparagrafu
- Artikolu 18(5), it-tieni subparagrafu, punt (b)
- Artikolu 28(6)(a)(ii)
27. Id-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sigurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċellooli tal-bniedem
- Artikolu 8(6)
- Artikolu 9(4)
28. Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament
- Artikolu 3(2)

Artikolu 14(1) l-ewwel inċiż

Artikolu 14(1) it-tieni inċiż

Artikolu 15(2)

Artikolu 26(1)

29. Id-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi livelli stabbiliti ta' kwalità u sigurtà għall-għbir, l-ittestjar, l-iproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' demm tal-bniedem u komponenti tad-demm u li temenda d-Direttiva 2001/83/KE

Artikolu 29 it-tieni subparagrafu i)

30. Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel

Artikolu 5(4) dwar l-adozzjoni ta' "ammonti massimi ta' vitamini u minerali"

ANNEX III

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE, Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96

A. AMBJENT

- 1) Fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010, għandu jitħassar it-tieni subparagrafu.
- 2) Regolament (KE) Nru 1221/2009 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 4 jitħassar.
 - (b) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 6 jitħassar.

B. MOBILTÀ U TRASPORT

- 3) Fil-punt a) tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 97/70/KE, it-tieni inċiż għandu jitħassar.

C. SAĦĦA U KONSUMATURI

- 4) Fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, paragrafu 4, it-tieni sentenza hija mħassra.
- 5) Fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/46/KE, jithassar it-tielet (3) paragrafu

D. GĦAJNUNA UMANITAJRA

- 6) Fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1257/96, jitħassar l-ewwel (1) paragrafu.